Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 517/94**

tas-7 ta' Marzu 1994

dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' terzi pajjiżi mhux koperti minn ftehim bilaterali, Protokoll jew arranġamenti oħra, jew minn regoli ta' l-importazzjoni speċifika tal-Komunità

(ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1470/94 tas-27 ta' Ġunju 1994	L 159	14	28.6.1994
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1756/94 tat-18 ta' Lulju 1994	L 183	9	19.7.1994
►M3	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2612/94 tas-27 ta' Ottubru 1994	L 279	7	28.10.1994
►M4	COUNCIL REGULATION (EC) No 2798/94 of 14 November 1994 (*)	L 297	6	18.11.1994
►M5	Ir-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 2980/94 tas-7 ta' Diċembru 1994	L 315	2	8.12.1994
►M6	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3168/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994	L 335	23	23.12.1994
►M7	emendat bir-Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1627/95 tal- 5 ta' Lulju 1995	L 155	8	6.7.1995
►M8	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1325/95 tas-6 ta' Ġunju 1995	L 128	1	13.6.1995
►M9	Council Regulation (EC) No 538/96 of 25 March 1996 (*)	L 79	1	29.3.1996
►M10	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1476/96 tas-26 ta' Lulju 1996	L 188	4	27.7.1996
►M11	Commission Regulation (EC) No 1937/96 of 8 October 1996 (*)	L 255	4	9.10.1996
►M12	Commission Regulation (EC) No 1457/97 of 25 July 1997 (*)	L 199	6	26.7.1997
►M13	COMMISSION REGULATION (EC) No 2542/1999 of 25 November 1999 (*)	L 307	14	2.12.1999
►M14	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 7/2000 tal-21 ta' Diċembru 1999	L 2	51	5.1.2000
►M15	Commission Regulation (EC) No 2878/2000 of 28 December 2000 (*)	L 333	60	29.12.2000
►M16	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/2001 tad-19 ta' Novembru 2001	L 303	17	20.11.2001
►M17	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 888/2002 ta' l-24 ta' Mejju 2002	L 146	1	4.6.2002
►M18	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1309/2002 tat-12 ta' Lulju 1985	L 192	1	20.7.2002
►M19	IR-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1437/2003 tat-12 ta' Awissu 2003	L 204	3	13.8.2003
►M20	Commission Regulation (EC) No 1484/2003 of 21 August 2003 (*)	L 212	46	22.8.2003
►M21	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2309/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003	L 342	21	30.12.2003

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M22**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1877/2004 tat-28 ta' Ottubru 2004	L 327M	201	5.12.2008
►**M23**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 931/2005 tas-6 ta' Ġunju 2005	L 275M	439	6.10.2006
►**M24**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1786/2006 ta' l-4 ta' Diċembru 2006	L 314M	384	1.12.2007
►**M25**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►**M26**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1398/2007 tat-28 ta' Novembru 2007	L 311	5	29.11.2007
►**M27**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1260/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009	L 338	58	19.12.2009
►**M28**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011	L 335	42	17.12.2011

Emendat minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	17	23.9.2003

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 121 (1877/2004)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 517/94

tas-7 ta' Marzu 1994

dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' terzi pajjiżi mhux koperti minn ftehim bilaterali, Protokoll jew arranġamenti oħra, jew minn regoli ta' l-importazzjoni speċifika tal-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 ta' dan,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-poltika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażta fuq prinċipji uniformi; billi r-regoli komuni applikabbli fuq importazzjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 288/82 tal-5 ta' Frar 1982 fuq regoli komuni għall-importazzjoni [1] ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1765/82 tat-30 ta' Ġunju 1982 fuq regoli komuni għall-importazzjoni minn Stati-pajjiżi li qed jinnegozzjaw [2], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/82 tat-30 ta' Ġunju 1982 fuq regoli komuni għall-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina [3] u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3420/83 ta' l-14 ta' Novembru 1983 fuq arranġamenti għall-importazzjoni ta' prodotti oriġinarji ta' Stati-pajjiżi li qed jinnegozzjaw, mhux liberalizzati fil-livell tal-Komunità [4] jiffurmaw aspett importanti tal-politika; madankollu, xorta għandhom iħallu eċċezzjonijiet u derogazzjonijiet li jiffaċiltaw lill-Istati Membri biex ikomplu japplikaw miżuri nazzjonali fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti, allura l-politika trid tiġi kompleta;

Fejn fl-Artikolu 7a tat-Trattat is-suq intern, sa mill-1 Jannar 1993 jagħmel parti minn zona mingħajr fruntieri inetrni fejn il-ħarrik ħieles ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital huwa assigurat;

Fejn l-ikkompletar tal-politika kummerċjali komuni għax tagħmel parti minn regoli għall-importazzjoni u għalhekk tkomplija meħtiġea għall-ikkompletar tas-suq intern u hu l-uniku mezz biex jiġi assigirat li r-regoli li japplikaw għall-kummerċ tal-Komunità ma' terzi pajjiżi, jirriflettu korrtament l-integrazzjoni tas-swieq;

Fejn sabiex tinkiseb uniformita akbar fir-regoli għall-importazzjoni hu bżonnjuż biex jiġu eliminati l-eċċezzjonijiet u d-derogazzjonijiet jirriżultaw mill-miżuri ta' politika kummerċjali nazzjonali li jibqgħu f'posthom, b'mod partikolari r-restriizzjonijiet kwantitattivi miżmuma mill-Istati Membri tar-Regolament (KEE) 288/82; fejn r-riperkussjonijiet ekonomiċi u industrijali mill-eliminazzjoni tagħhom kienu jew jistgħu jkunu kkonsidrati fil-politika orizzonatli tal-Komunità għas-suq konċernat; fejn din l-uniformita għandha tkun miksuba billi tiġi

---

[1] ĠU L 35, tad-9.2.1982, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2875/92 (ĠU L 287, tat-2.10.1992, p. 1).

[2] ĠU L 195, tal-5.7.1982, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1013/93 (ĠU L 105, tat-30.4.1993, p. 1).

[3] ĠU L 195, tal-5.7.1982, p. 21. Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1409/86 (ĠU L 128, ta' l-14.5.1986, p. 25).

[4] ĠU L 346, tat-8.12.1983, p. 6. Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 848/92 (ĠU L 89, ta' l-4.4.1992, p. 1).

▼B

preskritta, sa fejn hu possibbli meta tieħu inkonsiderazzjoni l-fatturi partikolari tas-sistema ekonomika f'terzi pajjiżi, provvedimenti simili ta' dawk applikati taħt ir-regoli komuni għal terzi pajjiżi oħra;

Fejn il-liberalizzazzjoni ta' importazzjonijiet, l-aktar l-assenza ta' kull restrizzjoni kwantitattiva jew is-sospensjoni tagħhom, iridu allura jiffurmaw il-punti tat-tluq tar-regoli tal-Komunità;

Fejn, bħala riżultat ta' l-ikkompletar tan-negozjati tal-GATT Uruguay Round dwar l-integrazzjoni tas-settur tessili u tal-ħwejjeġ fir-regoli u d-dixxiplini normali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, hemm bżonn li l-eċċezzjonijiet u d-derogazzjonijiet li jirriżultaw mill-bqija tal-persuni ta' nazzjonalita ta' miżuri tal-politika kummerċjali għandha tiġi sospiża saż-żmien li l-prodotti in kwistjoni jiġu integrati bi qbil ma' dak il-Ftehim;

Fejn, barra minn dan, għal għadd limitat ta' prodotti oriġinarji f'ċerti terzi pajjiżi minħabba s-sensittivita tas-settur tessili tal-Komunità, restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri ta' sorveljanza aplikabbli fuq livell tal-Komunità għandhom ikunu inkorporati f'dan ir-Regolament;

Fejn għandhom jitħejjew disposizzjonijiet għal regoli speċjali għal prodotti importati mill-ġdid taħt l-arranġamenti għall-ipproċessar ekonomiku ta' barra;

Fejn xi importazzjonijiet ta' xi prodotti tessiliminn ċerti pajjiżi terzi jistgħu jkunu bla ħsara għas-sorveljanza tal-Komunità, limiti kwantitattivi jew miżuri xierqa oħra;

Fejn jekk is-sorveljanza tal-Komunità hi applikata, ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti kkonċernati għandha tkun bla ebda ħsara għall-preżentazzjoni għal dokument ta' l-importazzjoni li jilħaq lriterji uniformi; fejn dak id-dokument għandu, fuq applikazzjoni sempliċi mill-importatur, ikun approvat mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sa perjodu speċifiku imma mingħajr b'daqshekk ma l-importatur jakkwista d-dritt għall-importazzjoni; fejn d-dokument għandu għalhekk ikun biss validu waqt il-perjodu sakemm ir-regoli ta' l-importazzjoni jibqgħu l-istess;

Fejn huwa fl-interess tal-Komunità illi l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkompletaw fis-sħiħ kemm jista' jkun skambju ta' informazzjoni li jirriżulta mis-sorveljanza tal-Komunità;

Fejn l-esperjenza wriet li hija bżonnjuża l-adozzjoni ta' kriterji aktar preċiżi biex tagħmel stima ta' ħsara possibbli u biex tiġi introdotta investigazzjoni fil-waqt li jkun għadu possibbli għall-Kummissjoni li ddaħħal miżuri xierqa f'każijiet urġenti;

Fejn, għal dan il-għan, dipsosizzjonijiet aktar dettaljati għandhom jiġu mdaħħla mal-ftuħ ta' l-investigazzjonijiet, dwar l-iċċekkjar u l-ispezjonar li jkun hemm bżonn, wara li jinstemgħu l-partijiet ikkonċernati, it-trattament ta' informazzjoni miksuba u l-kriterji biex tagħmel stima taddannu;

Fejn sistema ġdida għall-amministrazzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi għandhom ikunu mwaqqfa fuq bażi ta' priniċpju komuni u uniformi ta' politika kummerċjali bi qbilmal-gwida mħejjija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u mal-prinċipju tas-suq intern;

Fejn huwa bżonnjuż li jitwaqqfu sistemi xierqa biex jiġu amministrati restrizzjonijiet kwantitattivi tal-Komunità;

Fejn il-proċedura amministrattiva għandha tassigura li l-applikanti kollha għandhom aċċess imparzjali għall-kwoti;

▼B

Fejn fl-interessi ta' l-uniformiota fir-regoli għall-importazzjoni, il-formalitajiet li għandhom jitwettqu mill-importaturi għandhom jiġu ssimplifikati u għandhom ikunu identiċi irrispettivament mill-post minn fejn l-oġġetti għaddew mid-dwana; fejn huwa għalhekk mixtieq li iżda kull formalita għandha titwettaq billi jintużaw forom li jikkorispondu mal-kampjun anness mar-Regolament:

Fejn is-sorveljanza jew il-miżuri ta' sigurta tar-reġjun partikolari jew ta' aktar minn wieħed aktar milli tal-Komunità sħiħa jistgħu xorta waħda jiġu bżonnjużi; fejn, madankollu, miżuri bħal dawn għandhom ikunu awtorizzati biss b'mod eċċezzjonali u fejn ma teżisti l-ebda alternattiva; fejn huwa bżonnjuż, barra minn dan, li jiġi assigurat li miżuri bħal dawn huma temporanji u jtellfu mill-inqas it-tħaddim tas-suq intern;

Fejn id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u dawk li jirregolaw it-twettiq tagħha m'għandhomx mingħajr preġudizzju għal persuni eżistenti ta' nazzjoanlita u leġislazzjoni u tal-Komunità li tikkonċerna s-sigriet professjonali;

Fejn huwa mixtieq li t-tmexxija u l-proċeduri tad-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom ikunu dawk tradizzjonali hekk kif inhu ipprovdut fis-settur tessili u tal-ħwejjeġ;

Fejn, għalhekk, huwa bżonnjuż li jitwaqqaf Kumitat għal dan il-għan, biex jeżamina skond il-kondizzjonijiet għall-impoprtazzjoni, tendenzi ta'l-importazzjoni u l-għadd ta' aspetti tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali u, fejn xieraq, il-miżuri li għandhom jittieħdu;

Fejn huwa bżonnjuż li jkun provdut li dan il-Kumitat għandu wkoll ikun kompetenti fir-riviżita u fl-ispezzjonar tal-miżuri li għandhom jittieħdu fuq il-bażi tas-sistemi għat-tħaddim tal-kwoti sabiex jiġu addattati għall-bidliet li jseħħu fis-sitwazzjoni;

Fejn m'għadux bżonnjuż li nżommu żewġ Regolamenti separati għal Stati Membri u għar-Repubblika Popolari taċ-Ċina;

Fejn għandhom jitniedu disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' miżuri tas-sigurta neċessarji mill-interessi tal-Komunità b'rigward mistħoqq għall-obbligazzjonijiet internazzjonali li jeżistu diġa;

Fejn il-miżuri koperti minn dar-Regolament jaqgħu taħt il-kompetetnza tal-Komunitajiet Ewropej u huma kemm neċessarji kif ukoll xierqa biex titlesta l-politika kummerċjali komuni u biex jiġu protetti miżuri li jkunu ttieħdu diġa mill-Komunità fis-settur tessili u tal-ħwejjeġ;

Fejn Regolamenti (KEE) Nru 288/82, (KEE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 iridu jiġu konsegwentement imħassra, sakemm l-applikazzjoni tagħhom għal prodotti tessili tkun konċernata,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

▼B

PARTI I

TITOLU I

Prinċipji Ġenerali

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament japplika għall-importazzjoni tal-prodotti tessili li jaqgħu fi ħdan Sezzjoni XI tan-Nomenklatura Kombinata u ta' prodotti tessili oħra, kif imniżżla fl-Anness I, li toriġina f'terzi pajjiżi u li ma tkunx koperta minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi oħra ta' l-importazzjoni tal-Komunità.

2. Għall-għanijiet ta' paragrafu 1 t'hawn fuq, prodotti tessili li jaqgħu fi ħdan Sezzjoni XI tan-Nomenklatura Kombinata għandha titqassam f'kategoriji lif speċifikat fl-Anness I A, bl-eċċezzjoni ta' prodotti koperti minn kodiċi NM 5604 10 00, 6309 00 00 u 6310 li huma llistati fl-Anness IB.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "prodotti li qed joriġinaw" u l-metodi għall-kontroll ta' l-oriġini ta' dawn il-prodotti għandhom ikunu iddefiniti mir-regoli relevanti u li qed jaħdmu tal-Komunità.

Artikolu 2

1. Importazzjonijiet għall-Komunità ta' prodtti msemmija fl-Artikolu 1 u li joriġinaw f'pajjiżi terzi barra dawk illistati fl-Anness II, għandhom ikunu b'xejn u għalhekk mhux suġġetti għal kull restrizzjoni kwantitattiva, mingħajr preġudizzju lil:

— il-miżuri li jistgħu jittieħdu taħt Titolu III;

— il-miżuri li jistgħu jittieħdu taħt regoli speċifiċi ta' importazzjoni komuni sakemm jispiċċa ż-żmien ta' dawk ir-regoli, u

— ir-restrizzjonijiet kwantitattivi annwali llistati fl-Anness III A applikabbli fil-31 ta' Diċembru 1993 fuq il-bażi ta Regolament (KEE) Nru 288/82 lil importazzjonijiet ta' prodotti llistati fl-Anness I u li qed joriġinaw f'pajjiżi terzi barra dawk irreferuti fl-Anness II;

— ir-restrizzjonijiet kwantitattivi annwali llistati fl-Anness III B applikabbli għal prodotti tessili li qed joriġinaw fil-pajjiżi indikati fih.

2. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi llistati fl-Anness III A huma minn hawnhekk sospiżi sakemm il-prodotti in kwistjoni jiġu integrati fir-regoli u d-dixxiplini normali ta' L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ bi qbil mal-ftehim fuq il-prodotti tessili u l-prodotti tal-ħwejjeġ innegozjati fi ħdan il-qafas tan-negozjati ta' l-Urugway Round GATT.

Artikolu 3

1. L-Importazzjoni għall-Komunità ta' prodotti tessili llistati fl-Anness IV u li joriġinaw f'pajjiżi li jidhru f'dan l-istess l-Anness għandhom ikunu suġġetti għal-limiti kwantitattivi annwali stabilliti f'dak l-Anness jekk dawn il-prodotti huwa mibgħuta bil-vapur fid-data jew wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Għal raġunijiet

▼B

ta' dan il-paragrafu, it-tagħbija bil-baħar għandha tkun ikkonsidrata li seħħet fid-data meta kienet mgħobbija għall-esportazzjoni bl-ajruplan, bil-vettura jew bil-vapur.

2. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-importazzjoni fil-Komunità li ma tagħmilx ħsara għal-limiti kwantitattivi skond paragrafu 1 għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew dokument ekwivalenti maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bi qbil mal-proċedura maħruġa f'dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet awtorizzati bi qbil ma' dan il-paragrafu għandhom jiġu addebitati kontra limiti kwantitattivi immobbli fis-sena skond il-kalendarju fejn limiti kwantitattivi kienu immobbli.

3. Kull prodott tessili msemmi fl-Anness V u li joriġina fil-pajjiżi murija hemmhekk jista' jiġi importat fil-Komunità basta li limitu kwantitattiv annwali jkun stabbilit bi qbil mal-proċeduri xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2) ◄.

4. L-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti tessili barra minn dawk koperti fl-paragrafi 1 u 3 fuq u li qed joriġinaw fil-pajjiżi indikati fl-Anness II għandhom ikunu ħielsa, suġġetti għall-miżuri li jistgħu jittieħdu taħt Titolu III u ta' miżuri li ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu taħt regoli ta' l-importazzjoni komuni u speċifiċi sakemm jibqgħu jgħoddu dawn ir-regoli.

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għal miżuri li jistgħu jittieħdu taħt regoli ta' l-importazzjoni komuni u speċifiċi jew taħt Titolu III, ri-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti tessili wara li jkunu pproċessati f'pajjiżi barra dawk illistati fl-Anness II m'għandhomx ikunu suġġetti għal limitazzjonijiet kwantitattivi.

2. Madankollu, ir-rimportazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti tessili llistati fl-Anness VI wara l-ipproċessar fil-pajjiżi llistati hemmhekk m'għandhomx ikunu suġġetti għal limitazzjonijiet kwantitattivi annwali li tagħhom hemm referenza fl-Anness III B jekk kemm-il darba jkunu effettwati bi qbil mar-regoli ta' l-ipproċessar ta'ekonomija ta' barra li qed jaħdmu fil-Komunità u sal-limitazzjonijiet annwali immobilizzati fl-Anness VI.

Artikolu 5

1. Għat-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, l-Annessi III u VII jistgħu jifformaw is-suġġett tad-deliberazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat skond l-Artikolu 25.

2. Fl-għeluq ta' dawn id-deliberazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tadotta, bi qbil mal-proċedura ►**M18** xierqa skont l-Artiklu 15(2) ◄, il-miżuri li hemm bżonn biex jadattaw l-Annessi III sa VII.

TITOLU II

Il-proċedura ta' l-informazzjoni u l-investigazzjoni tal-Komunità

Artikolu 6

1. Fir-rigward tal-prodotti tessili fl-Anness I, l-Istati Membri m'għandhomx jinnotifikaw il-Kummissjoni, fi żmien 30 ġurnata wara għeluq kull xahar, tat-total tal-kwantitajiet importati matul ix-xahar bil-pajjiż ta' l-oriġini u bil-kodiċi u l-junits tan-Nomenklatura Kombinata,

▼B

inklużi junits supplimentari u approprijati tal-kodċi NM. L-importazzjonijiet għandhom jitqassmu bi qbil mal-proċeduri statistiċi attwali.

2. Sabiex it-tendenzi tas-suq jitħallew fil-prodotti koperti minn dan ir-Regolament sorvelajti, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Marzu kull sena, informazzjoni statistika dwar l-esportazzjonijiet tas-sena preċedenti. L-informazzjoni statistika dwar il-produzzjoni u l-konsum ta' kull prodott għandha titressaq taħt arranġamenti li għandhom ikunu ddeterminati sussegwentement skond kif taqbel mal-proċedura ►**M18** xierqa skont l-Artiklu 15(2) ◄.

3. Fejn in-natura tal-prodotti jew ċirkostanzi partikolari jitolbu hekk, il-Kummissjoni tista', għat-talba ta' xi Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tibdel il-limiti taż-żmien biex tikkomunika l-informazzjoni msemmija hawn fuq skond il-proċedura ►**M18** xierqa skont l-Artiklu 15(2) ◄.

4. Fil-każijiet urġenti li jirreferi għalihom l-Artikolu 13, l-Istati Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu b'telex l-istatistiċi meħtieġa ta' importazzjonijiet u data ekonomika lill-Kumissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 7

1. Fejn il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed xiehda biex tiġġustifika xi investigazzjoni, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kondizzjonijiet ta' importazzjonijiet ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura xierqa kif maħsub ►**M18** fl-Artiklu 15(2) ◄ għandha:

(a) tavża l-ftuħ ta' investigazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*; dawn l-avviżi għandhom jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni rċevuta, u jistupulaw illi l-informazzjoni relevanti kollha għandha tkun imgħoddija lill-Kummissjoni; għandha tiddikjara l-perjodi li matulu partiti interessati jistgħu jgħarrfu l-ħsibijiet tagħhom bil-kitba;

(b) tibda l-investigazzjoni, waqt li taġixxi bil-koperazzjoni ta' l-Istati Membri.

2. Barra l-informazzjoni li nsibu taħt l-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li jidhrilha tkun neċessarja u, fejn jidhrilha li tkun appropjata, wara li tikkonsulta mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25, tipprova tiċċekkja din l-informazzjoni ma' l-importaturi, negozjanti, aġenti, produtturi, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet kummerċjali.

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita f'din il-ħidma minn impjegati ta' l-Istat Membru li fit-territorju rispettiv dan l-iċċekkjar ikun qed jitwettaq, jekk kemm-il darba l-Istat Membru jkun jixtiequ.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha u wara proċeduri li tiddettahom hi, bl-informazzjoni għad-dispozizzjoni tagħhom fuq żviluppi fis-suq tal-prodott li jkun qed jiġi investigat.

4. Il-Kummissjoni tista' tisma' lill-persuni naturali jew legali li huma interessati. Dawn il-partiti għandhom jistemgħu fejn ikunu applikaw bil-kitba fil-perjodu stipulat fl-avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, waqt li juru li huma aktarx sa jkunu milquta mir-riżultat ta' l-investigazzjonijiet u jkun hemm raġunijiet speċjali għalihom biex jinstemgħu b'mod orali.

5. Fejn l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni ma tkunx

▼B

ipprovduta f'qafas ta' perjodu raġonevoli, jew l-investigazzjoni tkun sostanzjalment imfixkla, ir-riċerka trid issir skond il-bażi tal-fatti disponibbli.

6. Fejn il-Kummissjoni tkun intalbet biex tiffunzjona minn xi Stat Membru u ssib li hemm xhieda insuffiċjenti biex tiġġustifika investigazzjoni, għandha tinforma lill-Istat Membru bid-deċiżjoni tagħha wara konsultazzjonijiet.

Artikolu 8

1. Ma' tmiem l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar ir-riżultati lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 25.

2. Jekk il-Kummissjoni tara li m'hemm bżonn ta' ebda sorveljanza jew miżuri ta' ħarsien mill-Komunità, hija jkollha tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, wara li tkun ikkonsultat mal-Kumitat bi qbil mal-proċedura xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2) ◄, avviż li jgħid li l-investigazzjonijiet ingħalqu, waqt li jkunu iddikjarati l-konklużjonijiet prinċipali ta' l-investigazzjonijiet.

3. Jekk il-Kummissjoni tara li l-miżuri ta' sorveljanza jew ħarsien tal-Komunità huma meħtieġa, hija jkollha tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa bi qbil ma' Titolu III.

Artikolu 9

1. Informazzjoni rċevuta b'mod konformi ma' dan ir-Regolament għandu joħroġ biss għall-iskop li għalih tkun saret it-talba.

2. (a) La l-Kunsill, la l-Kummissjoni, la l-Istati Membri, lanqas l-uffiċjali ta' kull waħda minn dawn, m'għandhom jiżvelaw xi informazzjoni ta' natura konfidenzali mgħoddija lilhom b'mod konformi ma' dan ir-Regolament, jew kull informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzali, mingħajr il-permess speċifiku mill-fornitur ta' informazzjoni bħal din.

(b) Kull talba għall-kunfidenzalita għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex din l-informazzjoni hija kunfidenzali.

B'danakollu, jekk ikun jidher li xi talba għall-kunfidenzalita ma tkunx ġġustifikata u jekk il-fornitur ta' din l-informazzjoni ma jkunx jixtieq li joħroġha pubblika u anqas ma jkun jixtieq li jawtorizza l-iżvelar b'mod ġenerali jew f'forma ta' sommarju, l-informazzjoni kkonċernata tista' ma tingħatax kas tagħha.

3. Għal kull informazzjoni tkun ikkonsidrata l-kunfidenzalita tagħha jekk l-iżvelar tagħha jkun ifisser effett sinjifikattivament kuntrarju fuq il-fornitur jew fuq is-sors ta' informazzjoni bħal din.

4. Paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jipprekludu referenza mill-awtoritajiet tal-Komunità għal informazzjoni ġenerali u b'mod partikolari għal raġunijiet li fuqhom deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod konformi ma' dan ir-Regolament fuqu bbażati. Dawn l-awtoritajiet għandhom, b'danakollu, jagħtu kas ta' l-interess leġittimu tal-persuni naturali jew legali kkonċernati li s-sigrieti tan-negozju tagħhom m'għandhomx ikunu mxandra.

Artikolu 10

1. L-eżami tad-direzzjoni ġenerali ta' l-importazzjonijiet, tal-kondizzjonijiet li fihom iseħħu u tal-ħsara serja jew theddid ta' ħsara

▼B

serja lill-produtturi tal-Komunità li jirriżultaw minn importazzjonijiet bħal dawn, għandhom ikopru b'mod partikolari il-fatturi li ġejjin:

(a) il-volum ta' importazzjonijiet, b'mod partikolari fejn kien hemm żieda sinjifikattiva, kemm f'termini assoluti jew skond il-produzzjoni jew konsum fil-Komunità;

(b) il-prezzijiet ta' importazzjonijiet, partikolarment fejn kien hemm roħs sinjifikattiv fil-prezz meta mqabbel mal-prezz ta' prodott simili fil-Komunità;

(ċ) l-impatt konsegwenti fuq il-produtturi tal-Komunità ta' prodotti simili jew direttament kompetittivi kif indikat minn tendenzi f'ċerti fatturi ekonomiċi bħal:

— il-produzzjoni,

— l-utilizzazzjoni ta' kapaċita,

— ħażniet,

— bejgħ,

— sehem is-suq,

— prezzijiet (i.e. tnaqqis fil-prezzijiet jew prevenzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet li kieku soltu seħħew),

— il-profitti,

— prospett ta' kapital imħaddem,

— flus fl-idejn,

— l-impjegar.

2. Waqt li tkun qed tmexxi l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti kas tas-sistema ekonomika partikluari tal-pajjiżi li hemm dwarha fl-Anness II.

3. Fejn tkun allegata theddida serja ta' ħsara l-Kummissjoni għandha teżamina jekk wieħed jistax jobsor li sitwazzjoni partikolari tistax tiżviluppa fi ħsara reali. F'dan ir-rigward, jista' jingħata kas għal fatturi bħal:

(a) ir-rata ta' żieda fl-esportazzjonijiet tal-Komunità;

(b) il-wesgħa ta' l-esportazzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni, li diġa jezisti jew li se jibda jaħdem fil-futur qrib, u l-probabbilta illi l-esportazzjonijiet jirriżultaw fil-Komunità.

TITOLU III

Miżuri ta' sorveljanza u ta' ħarsien

Artikolu 11

1. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili li joriġinaw fil-pajjiżi terzi barra dawk illistati fl-Anness II jheddu li jikkaġunaw ħsara lill-produzzjoni tal-Komunità fuq prodotti simili jew direttament kompetittivi, il-Kummissjoni, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista':

(a) tiddeċiedi li tintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Komunità ta' ċerti importazzjonijiet, bi qbil mal-proċedura xierqa li hemm fl-Artikolu 25;

(b) tiddeċiedi, għall-iskop li timonitorizza t-tendenzi ta' dawn l-importazzjonijiet, li tagħmel ċerti importazzjonijiet qabel sorveljanza mill-Komunità, bi qbil mal-proċedura xierqa li hemm fl-Artikolu 25.

▼B

2. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili liberizzati fuq il-livell tal-Komunità u li joriġinaw f'pajjiżi terzi illistati fl-Anness II jheddu li jikkaġunaw ħsara lill-produzzjoni tal-Komunità ta' prodotti simili jew direttament kompettittivi, jew fejn l-interessi ekonomiċi tal-Komunità jitolbu hekk, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha stess, tista':

(a) tiddeċiedi li tintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Komunità ta' ċerti importazzjonijiet, bi qbil mal-proċeduri xierqa li hemm fl-Artikolu 25;

(b) tiddeċiedi, għall-iskopijiet biex timmonitorizza t-tendenzi ta' dawn l-importazzjonijiet, biex tagħmel ċerti importazzjonijiet suġġetti għal sorveljanza minn qabel tal-Komunità bi qbil mal-proċeduri xierqa li hemm fl-Artikolu 25.

3. Il-miżuri li jirreferu għalihom paragrafi 1 u 2 ta' fuq għandhom, bħala regola, ikunu validi għal perjodu limitat.

Artikolu 12

1. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili li joriġinaw f'pajjiżi terzi barra dawk illistati fl-Anness II iseħħu fi kwantitajiet li jiżdiedu, assoluti jew relattivi, u/jew taħt kondizzjonijiet bħal dawn, u li jispiċċaw biex jikkaġunaw ħsara serja jew theddid reali ta' dan lill-produzzjoni tal-Komunità ta' prodotti simili jew direttament kompetittivi, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha stess, talterna r-regoli ta' l-importazzjoni għall-prodott in kwistjoni billi tipprovdilu dak li jista' jreġġgħu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fuq produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni biss, bl-aċċettazzjoni tkun mmexxija minn provedimenti bħal dawn u suġġetta għal-limitazzjonijiet li tqiegħed il-Kummissjoni.

2. Fejn l-importazzjonijiet ta' prodotti tessili liberizzati fuq il-livell tal-Komunità u li joriġinaw f'pajjiżi terzi llistati fl-Anness II iseħħu fi kwantitajiet jew kunidzzjonijiet li jiżdiedu, assoluti jew relattivi, tant li jheddu li jikkaġunaw ħsara lill-produzzjoni tal-Komunità ta' prodotti li huma simili jew direttament kompetittivi, jew fejn l-interess ekonomiku tal-Komunità jitolbu hekk, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, talterna r-regoli ta' l-importazzjonijiet għall-prodott in kwistjoni billi tipprovdi dak li jista' jreġġgħu lura f'ċirkulazzjoni ħielsa fuq il-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni biss, bl-aċċettazzjoni tkun immexxija minn provedimenti bħal dawn u suġġetta għal-limitazzjonijiet li tqiegħed il-Kummissjoni.

3. Il-miużri li jirreferu għalihom paragrafi 1 u 2 ta' fuq jew kull miżura xierqa oħra jew modalita ta' applikazzjoni għandha tkun adottata bi qbil mal-proċedura xierqa li hemm fl-Artikolu 25.

4. Il-miżuri li rreferuti f'dan l-Artiklu u f'Artiklu 11 għandhom japplikaw għal kull prodott li jkun imqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn il-miżuri.

B'danakollu, miżuri bħal dawn m'għandhomx jipprevjenu r-riħi għal ċirkolzzjoni ħielsa ta' prodotti diġa mibgħuta bil-baħar lejn il-Komunità jekk kemm-il darba d-destinazzjoni ta' prodotti bħal dawn ma tistax tinbidel u dawk il-prodotti li, taħt dan l-Artikolu u l-Artikolu 11, jistgħu jitqiegħdu biss f'ċirkolazzjoni ħielsa fuq produzzjoni ta' dokument ta' importazzjoni jkunu fil-fatt akkumpanjati minn dokument bħal dan.

Bi qbil ma' l-Artikolu 16, miżuri li tagħhom hemm referenza f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 11 jistgħu jkunu ristretti f'reġjun wieħed jew aktar tal-Komunità.

▼B

Artikolu 13

Fejn il-Kummissjoni ssib, fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq it-talba ta' Stat Membru, li l-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 12(1) u (2) ikunu mwettqa u tikkonsidra li kategorija mogħtija ta' prodotti llistati fl-Anness I u mhux suġġetta għal kull restrizzjoni kwantitattiva trid tkun suġġetta għal limitazzjonijiet kwantitattivi jew qabel jew retrospettivi jew miżuri ta' sorveljanza, hija għandha f'każ ta' emerġenza tpoġġi l-kwistjoni quddiem il-Kumitat li dwaru hemm referenza fl-Artikolu 25 fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara l-għeluq tad-delibarazzjoni tal-Kumitat.

Artikolu 14

▼M18

1. Il-prodotti bla ħsara għas-sorveljanza Komunitarja ta' qabel jew bla ħsara għall-miżuri tas-salvagward jistgħu jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa biss mal-produzzjoni ta' dokument ta' l-importazajoni,

Fil-każ ta' miżuri Komunitarji minn qabel tas-sorveljanza, id-dokumewnt ta' l-importazzjoni għandu jinħareġ bla ħlas mill-awtorità kompetenti nnominata mill-Istati Membri ġewwa massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol wara l-irċevuta ta' applikazzjoni lill-awtorità kompeenti nazzjonali minn kull importatur Komunitarju, ikun fejn ikun il-post tiegħu tan-negozju fil-Komunità, għal kull kwantità mitluba. Din l-applikajoni għandha titqies li tkun ġiet irċevuta mill-awtorità kompetenti nazzjonali mhux iktar tard minn tlitt ijiem tax-xogħol wara s-sottomissjoni, għajr jekk ippruvat xorta oħra. Id-dokument tas-sorveljanza għandu jiġi magħmul fuq formola li tikkorrispondi mal-kampjun iddikjarat fl-Anness VII. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Fil-każ tal-miżuri tas-salvagward, id-dokument ta' l-importazzjoni għandu jinħareġ skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV.

2. Ikun jista' jinħtieġ tagħrif ieħor għajr dak ipprovvdut fil-paragrafu 1 meta tittieħed id-deċiżjoni li jiġu imposti s-sorveljanza jew il-miżuri tas-salvagward.

▼B

3. Id-dokument ta' l-importazzjoni għandu jkun validu għall-importazzjonijiet fit-territorju kollu fejn it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea huwa applikat taħt il-kondizzjonijiet mniżżla f'dak it-Trattat, bla ma jingħata kas tal-ħarġa ta' l-Istat Membru, b'danakollu, lill-miżuri li hemm fl-Artikolu 16.

4. Dokumneti ta' importazzjoni ma jistgħux jintużaw fl-ebda każ wara li jiskadi l-perijodu li jkun ġie satbbilit fl-istess ħin u bil-mezzi ta' l-istess proċedura bħal l-imposizzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew salvgwardja, u li jieħdu kont tan-natura tal-prodotti u ta' fatturi speċjali tat-transazzjonijiet.

5. Fejn ikun jeħtieġ li deċiżjoni tittieħed skond proċedura xierqa skond il-proċedura appropjata skond l-Artikolu 25, l-oriġini tal-prodotti taħt is-sorveljanza jew is-salvagwardja tal-Komunità trid tiġi ppruvata b'ċertifikat ta' l-oriġini. Dan il-paragrafu m'għandux ikun ta' preġudizzju għal disposizzjonijiet fuq il-produzzjoni ta' dan it-tip ta' ċertifikat.

6. Fejn il-prodott maqbula minn qabel mis-sorveljanza tal-Komunità jkun suġġett ta' salvagwardja reġjonali fl-Istat Membru, l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni tkun tista' tissostitwixxi d-dokument ta' importazzjoni.

▼B

Artikolu 15

Bi qbil mal-proċedura appropjata skond l-Artikolu 25, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' l-Istat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, jekk issitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) aktarx li tinħoloq:

— tnaqqas it-terminu ta' validita ta' kull dokument ta' importazzjoni għal finijiet ta' sorveljanza;

— toħroġ dan id-dokument suġġett għal xi kondizzjonijiet u, bħala miżura ta' eċċezzjoni, suġġett għad-dħul ta' klawsola ta' revoka, jew, bi frekwenza u terminu indikat mill-Kummissjoni, għall-informazzjoni minn qabel u b'konsultazzjoni mal-proċedura msemmija fl-Artikoli 6 u 8.

Artikolu 16

Fejn, fuq il-bażi b'mod partikolari, tal-fatturi msemmija fl-Artikoli 10, 11 u 12, joħroġ illi l-kunidizzjonijiet mqiegħda għall-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew salvagwardja jkunu milħuqa f'iżjed minn reġun wieħed tal-Komunità, il-Kummissjoni, wara li tkun eżaminat issoluzzjonijiet alternattivi, tista' b'mod ta' eċċezzjoni tawtorizza l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza jew salvagwardja limitata għarreġjun(i) kkonċernat(i) jekk tikkonsidra illi dawn il-miżuri applikati f'dan il-livell ikunu iżjed xierqa minn miżuri applikati fil-Komunità innifisha.

Dawn il-miżuri għandhom ikunu temporanji u għandhom ifixklu millinqas l-operat tas-suq intern.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati skond il-proċedura xierqa skond l-Artikolu 25.

PARTI II

TITOLU IV

L-immanġjar tar-restrizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Komunità

Artikolu 17

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummisjoni dwar l-ammont ta' talbiet għall-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni illi rċevew.

2. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-konferma tagħha dwar it-talba għall-ammont(i) tal-kwantitajiet li huma disponibbli għall-importazzjoni f'ordni kronoloġika skond kif in-notifiki ta' l-Istati Membri kienu rċevuti (fuq il-bażi ta' "min jitlob l-ewwel jinqeda l-ewwel").

3. Fejn ikun hemm raġuni biex temmen li t-talbiet antiċipati jistgħu jaqbżu l-limiti kwantitattivi, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-proċedura xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2) ◄, taqsam il-limiti kwantitattivi f'partijiet jew tiffissa ammonti massimi għall-allokazzjoni. Bi qbil mal-proċedura xierqa skond l-Artikolu 25, il-Kummisjoni tista' tirriserva proporzjon minn limitu kwantitattiv speċifiku għal talbiet appoġjata mix-xhieda ta' għemil ta' importazzjoni mgħoddija.

4. Normalment in-notifiki li għalihom saret referenza fil-paragrafu preċedenti ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu trasmessi b'mod elettroniku f'qafas integrat li jiġi mfassal għal dan il-għan, sakemm għal raġunijiet

▼B

tekniċi u ta' bilfors ma jkunx neċessarju l-użu ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni temporanji.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament wara li jkunu infurmati fuq xi kwantita li ma tkunx qed tintuża matul il-perjodu stipulat ta' validita ta'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni. Kwantitajiet mhux użati bħal dawn għandhom ikunu trasferiti awtomatikament fil-kwantitajiet li jibqgħu tal-limitu totali kwantitattiv tal-Komunità.

6. Il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-proċedura xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2) ◄, tieħu l-miżuri neċessarji biex timplimenta dan l-Artikolu.

Artikolu 18

1. L-importaturi kollha fil-Komunità, irrispettivament minn fejn huma mwaqqfa fil-Komunità, jistgħu jissotomettu applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni lil dik l-awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru li jixtiequ.

2. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(3), it-tieni sentenza, l-applikazzjonijiet ta' l-importaturi għadhom, fejn ikun neċesarju, jiġu akkumpanjati b'xhieda dokumentata ta' importazzjonijiet preċedenti għal kull kategorija u għal kull pajjiż terz konċernat.

Artikolu 19

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni fi żmien ħamest ijiem min notifika taddeċiżjoni tal-Kummissjoni jew fit-terminu stabbilit mill-Kummissjoni.

Dawn l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw il-Kummissjoni illi l-awtorizzazzjoni għal importazzjoni ġiet maħruġa, fi żmien għaxart ijiem mill-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 20

Fejn neċessarju u bi qbil mal-proċedura xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2) ◄, l-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjoni jistgħu jkunu suġġetti għal depożiti ta' garanzija.

Artikolu 21

1. Mingħajr preġudizzju għal miżuri skond l-Artikolu 16, awtorizzazzjonijet għall-importazzjoni għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lil-limiti kwantitattivi u għandhom ikunu validi fit-territorju kollu fejn japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunita Ewropea hawa applikat skond il-kondizzjonijiet mfassla f'dan it-Trattat, irrispettivament mill-post ta' l-importazzjoni msemmi fl-applikazzjonijiet mill-importaturi.

Meta l-Komunità tintroduċi limiti temporanji għal reġjun jew iktar, bi qbil ma' l-Artikolu 16, dawn il-limiti m'għandhomx jipprekludu l-importazzjoni fir-reġjun(i) kkonċernat(i) ta' prodotti mibgħuta qabel id-data ta' introduzzjoni tal-limiti msemmija hawn fuq.

2. Il-perjodu ta' validita ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandu jkun ta' sitt xhur. Dan il-perjodu ta' validita jista' jiġi emendat meta jkun hemm il-ħtieġa, bi qbil mal-proċedura xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2). ◄

▼M18

3. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni għandhom jitfasslu fuq formoli li jikkonformaw ma' kampjun li

▼M18

l-karatteristiċi tiegħu għandhom jiġu stabbiliti xierqa skont l-Artiklu 15(2). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, skond il-kondizzjonijiet iffissati minnhom, jippermettu illi d-dokumenti ta' l-applikazzjoni jiġu ssottomessi bil-mezzi elettroniċi. Madankollu, id- dokumenti u x-xhieda kollha jridu jkunu disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti.

▼M14

4. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjonijiet jistgħu jinħarġu bil-mezzi elettroniċi fuq it-talba ta' l-importatur interessat. Fuq it-talba innotivata kif mistħoqq minn dan l-importatur, u sakemm jitħares il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, awtorizzazzjoni għall-importazzjoni maħruġa bil-mezzi elettroniċi tista' tiġi mibdula b'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni fl-għamla tal-karta mill-awtorità kompetenti ta' l-istess Stat Mmbru li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni oriġinali għall-importazzjoni. Madankollu, din l-awtorità għandha toħroġ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni biss, bi-għamla miktuba wara li tkun żgurat illi ġiet ikkanċellaa l-awtorizzazzjoni bil-mezzi elettroniċi.

▼M18

Tista' tiġi adottata kull miżura meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan il-paragrafu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25(2).

5. Fuq it-talba ta' l-Istat Membru interessat, il-prodotti tessili fil-pussess ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru, b'mod partikolari fil-kuntest ta' falliment jew proċeduri simili, li għalihom ma tkunx disponibbli iktar awtorizzazzjoni valida għall-importazzjoni, jistgħu jiġu rrilaxxjati fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25(2).

▼B

Artikolu 22

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi li jiġu adottati bi qbil mal-proċedura xierqa ►M18 skont l-Artiklu 15(2) ◄, l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni ma jistgħux jiġu mislufa jew trasferiti, kemm għal xi konsiderazzjoni kif ukoll meta jingħataw b'xejn, mill-persuna responsabbli u li f'isimha d-dokument ikun ġie maħruġ.

Artikolu 23

1. Awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni li huma kollha kemm huma mhux użati jew inkella partijiet minnhom mhux użati għandhom jiġu rritornati lill-atoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn ikun sar il-ħruġ fi żmien massimu ta' ħmistax-il ġurnata mid-data ta' skadenza, b'eċċezzjoni għal dawk il-każijiet ta' forża maġġuri. Dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi modifikat, fejn ikun neċessarju, bi qbil mal-proċedura ►M18 xierqa skont l-Artiklu 15(2) ◄.

2. Fejn il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni tkun ikkondizzjonata mid-depożitu ta' garanzija, il-garanzija tintilef fejn il-limitu ta' żmien imsemmi aktar 'il fuq ma jkunx mħares, b'eċċezzjoni għal dawk il-każijiet ta' forża maġġuri.

Artikolu 24

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fi żmien 30 ġurnata mit-tmiem ta' kull xahar, fuq il-kwantitajiet ta' prodotti li jkunu bla ħsara għal-limiti kwantitattivi tal-Komunità li jkunu ġew impurtati fix-xahar ta' qabel.

▼B

PARTI III

TITOLU V

It-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' disposizzjonijiet finali

▼M18

Artikolu 25

Il-Kumitat tat-Tessuti

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Fejn jintgħamel riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

3. Rigward il-materji li jidħlu fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament għajr għall-Artikolu 13 tiegħu, għandha tapplika l-proċedura tas-salvagward skond l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond l-Artikolu 7 tagħha. Qabel ma l-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tikkonsultah skond il-proċeduri li jridu jiġu stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat. Il-limitu taż-żmien ipprovvdut fl-Artikolu 6(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar mill-adozzjoni mill-Kummissjoni li tirrigwarda l-miżuri tas-salvagward. Huwa u jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, il-Kunsill jista' jikkonferma, jadotta jew jirrevoka d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni f'perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mit-riferiment tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, li fin-nuqqas ta' dan id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies irrevokata.

4. Fil-każ tal-miżuri ta' emerġenza tas-salvagward skond l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika l-proċedura skond l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond l-Artikolu 7 tagħha. Qabel ma l-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni tiegħu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat skond il-proċeduri li jridu jiġu stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat. Il-limitu taż-żmien ipprovvdut fl-Artikolu 6(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar mill-adozzjoni mill-Kummissjoni li tirrigwarda l-miżuri tas-salvagward. Huwa u jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, il-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu taż-żmien ta' tliet xhur mir-riferiment tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill.

5. Il-President tal-Kumitat jista', fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba ta' wieħed mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, jikkonsulta lill-Kumitat dwar kull materja li jkollha x'taqsam mal-ħidma jew l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

6. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

▼B

Artikolu 26

1. Dan ir-Regolament m'għandux ifixkel it-twettiq ta' obbligazzjonijiet li joħorġu minn regoli speċjali li jkunu jinsabu f'xi ftehim maqbul bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

2. (a) Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Komunità, dan ir-Regolament m'għandux ifixkel l-adozzjoni jew l-applikazzjoni mill-Istati Membri:

— ta' projbizzjonijiet, restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' sorveljanza fuq bażi ta' moralita pubblika, politika pubblika jew sigurta pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u

▼B

l-ħajja tal-bniedem, annimali jew pjanti, il-protezzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita oħra, ta' teżori li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew il-protezzjoni ta' propjeta industrijali jew kummerċjali;

— ta' formalitajiet speċjali dwar il-kambju ta' barra;

— ta' formalitajiet introdotti wara xi ftehim internazzjonali bi qbil mat-Trattat.

(b) L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fuq il-miżuri jew formalitajiet li ser jiġu introdotti jew kif emendati skond dan il-paragrafu. F'kaz ta' urġenza estrema, il-miżuri nazzjonali jew il-formalitajiet in kwistjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni immedjatament malli jiġu adottati.

Artikolu 27

1. REGOLAMENT (KEE) Nru 288/82, (KEE) No 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 huma minn hawnhekk imħassra, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tagħhom fir-rigward ta' prodotti tat-tessuti kkonċernati msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament

2. Madankollu, il-prodotti tessili koperti minn dan ir-Regolament u mibgħuta qabel id-data tas-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ggvernati mid-disposizzjonijiet ma'seħħ iż-żmien li jiġu ttrasportati.

Artikolu 28

Emendi għall-Anness ta' dan ir-Regolament li jistgħu jkunu neċessarji biex jinkorporaw it-tmien, emenda jew skadenza ta' xi ftehim jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi jew emendi magħmula għar-regoli jew statistiċi tal-Komunità, arranġamenti tad-dwana jew regoli komuni għall-importazzjoni għandhomjiġu adottati bi qbil mal-proċedura xierqa ►**M18** skont l-Artiklu 15(2) ◄.

Artikolu 29

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni fil-*Gazzetta Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TA' L-ANNESSI

L-Anness I A	Prodotti tessili msemmija fl-Artikolu 1(2)
L-Anness I B	Prodotti tessili oħra msemmija fl-Artikolu 1(1)
L-Anness II	Lista ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2
L-Anness III	Restrizzjonijiet kwantitattivi applikati fil-31 ta' Diċembru 1993 imsemmija fl-Artikolu 2(2)
L-Anness III B	Limiti kwantitattivi annwali tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 2(1), ir-raba' daħla
L-Anness IV	Limiti kwantitattivi annwali tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 3(1)
L-Anness V	L-Anness imsemmi fl-Artikolu 3(3)
L-Anness VI	L-ipproċessar barrani tat-traffiku – Limiti Annwali tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 4
L-Anness VII	Id-dokument ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 14

▼M28

ANNESS I

A. **PRODOTTI TAT-TESSUT MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1**

1. Mingħajr ħsara għar-regoli ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-oġġetti huwa kkunsidrat li huwa ta' valur indikattiv biss, billi l-prodotti koperti minn kull kategorija huma ddeterminati, f'dan l-Anness, mill-kodiċi NM. Fejn hemm is-simbolu "ex" quddiem kodiċi NM, il-prodotti koperti f'kull kategorija huma ddeterminati mill-ambitu tal-kodiċi NM u b'dak tad-deskrizzjoni korrispondenti.
2. L-ilbiesi li ma jintgħarfux jekk humiex għall-irġiel jew għas-subien jew inkella lbies għan-nisa jew għall-bniet huma kklassifikati ma' dawk imsemmija l-aħħar.
3. Fejn tintuża l-espressjoni "ilbies għat-trabi", din maħsuba li tkopri l-ilbies sal-qies kummerċjali 86, b'dan il-qies inkluż.

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi NM 2012	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
(1)	(2)	(3)	(4)
	GRUPP I A		
1	Ħjut tal-qoton, mhux maħruġa għall-bejgħ bl-imnut		
	5204 11 00 5204 19 00 5205 11 00 5205 12 00 5205 13 00 5205 14 00 5205 15 10 5205 15 90 5205 21 00 5205 22 00 5205 23 00 5205 24 00 5205 26 00 5205 27 00 5205 28 00 5205 31 00 5205 32 00 5205 33 00 5205 34 00 5205 35 00 5205 41 00 5205 42 00 5205 43 00 5205 44 00 5205 46 00 5205 47 00 5205 48 00 5206 11 00 5206 12 00 5206 13 00 5206 14 00 5206 15 00 5206 21 00 5206 22 00 5206 23 00 5206 24 00 5206 25 00 5206 31 00 5206 32 00 5206 33 00 5206 34 00 5206 35 00 5206 41 00 5206 42 00 5206 43 00 5206 44 00 5206 45 00 ex 5604 90 90		
2	Drappijiet minsuġin tal-qoton, barra mill-garża, mid-drapp tax-xugaman, id-drappijiet minsuġin dojoq, id-drappijiet tal-pil, id-drappijiet tax-xinilja, it-tull u drappijiet oħra tax-xibka		
	5208 11 10 5208 11 90 5208 12 16 5208 12 19 5208 12 96 5208 12 99 5208 13 00 5208 19 00 5208 21 10 5208 21 90 5208 22 16 5208 22 19 5208 22 96 5208 22 99 5208 23 00 5208 29 00 5208 31 00 5208 32 16 5208 32 19 5208 32 96 5208 32 99 5208 33 00 5208 39 00 5208 41 00 5208 42 00 5208 43 00 5208 49 00 5208 51 00 5208 52 00 5208 59 10 5208 59 90 5209 11 00 5209 12 00 5209 19 00 5209 21 00 5209 22 00 5209 29 00 5209 31 00 5209 32 00 5209 39 00 5209 41 00 5209 42 00 5209 43 00 5209 49 00 5209 51 00 5209 52 00 5209 59 00 5210 11 00 5210 19 00 5210 21 00 5210 29 00 5210 31 00 5210 32 00 5210 39 00 5210 41 00 5210 49 00 5210 51 00 5210 59 00 5211 11 00 5211 12 00 5211 19 00 5211 20 00 5211 31 00 5211 32 00 5211 39 00 5211 41 00 5211 42 00 5211 43 00 5211 49 10 5211 49 90 5211 51 00 5211 52 00 5211 59 00 5212 11 10 5212 11 90 5212 12 10 5212 12 90 5212 13 10 5212 13 90 5212 14 10 5212 14 90 5212 15 10 5212 15 90 5212 21 10 5212 21 90 5212 22 10 5212 22 90 5212 23 10 5212 23 90 5212 24 10 5212 24 90 5212 25 10 5212 25 90 ex 5811 00 00 ex 6308 00 00		
2 a)	Li minnhom: Minbarra dawk li mhumiex ibbliċjati jew huma ibbliċjati		
